MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1943/2000/1

**Polly Demanuele; Antoinette Sammut; Charimaine Busuttil u Josette Alexander ahwa Grech ulied il-mejjet Joseph Grech; Nadette u Mario ahwa Coppola; u Carmen Cachia f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' Spiridione Grech.**

**vs**

**Victor Grech u ghal kull interess li jista' jkollhom u ghall-integrita' tal-gudizzju Diana armla ta' Carmelo Grech bhala legittima rapprezentanti ta' wlied minuri Charlene u Jeremy ahwa Grech u Anthony Micallef bhala prokuratur/mandatarju tal-imsiefra Mary Ann Rackley, Carmen Micallef, Peter u Teresa Rilyert ilkoll ahwa Grech u wlied Alfons Grech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi bit-testment taghha tal-5 ta’ Jannar 1999 atti Nutar Joseph Henry Sciriha, Carmela armla minn Joseph Grech, omm u nanna paterna tal-kontendenti, gie mholli b’prelegat lill-konvenut Victor Grech il-licenzji, l-attrezzi, l-istock, id-dritt tal-avvjament u d-dritt tal-inkwilinat tal-hanut li jinsab f’Balluta maghruf bhala “Scruples” numru 34 Main Street, San Giljan.

Billi tali prelegat huwa null u bla effett in kwantu l-imsemmija Carmela Grech ma setghatx thalli legat bhal dan galadarba dak kollu li kien hemm fil-fond, kompriz l-avvjament, ma kienx jappartjeni internament lilha in kwantu dawn l-assi kienu tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u zewgha u t-testatrici ma ghamlet l-ebda dikjarazzjoni illi hija kienet taf li qed taghmel lexxitu ta’ hwejjeg haddiehor.

Illi wkoll il-prelegat tal-inkwilinat tal-hanut huwa inefikaci u guridikament insostenibbli biex jipperpetwa l-kirja f’isem il-konvenut, stante li legatarju ta’ hanut ma jirrientrax fit-tifsira ta’ kerrej ta’ hanut skond il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet.

Illi l-konvenut Victor Grech gie interpellat anke ufficcjalment izda cio’ nonostante baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-prelegat fuq specifikat imholli lill-konvenut Victor Grech skond it-testment ta’ Carmela Grech tal-5 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Joseph Henry Saydon huwa null u bla effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dawk l-ohra stabbiliti mill-ligi u li jigi dikjarat li l-prelegat tal-inkwilinat tal-hanut de quo huwa ineffikaci u guridikament insostenibbli u dan ukoll ghall-motivi fuq dedotti u konsegwentement jigi dikjarat li l-konvenut Victor Grech ma ghandu l-ebda dritt jew titolu validu jissokta fil-pussess u l-inkwilinat tal-hanut; u konsegwentement ukoll li jigi ordnat lill-istess konvenut Victor Grech biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-fond de quo.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Frar 2000, kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Grech fejn gie eccepit:-

Preliminarjament irid jigi verifikat u determinat min minn l-atturi u l-konvenuti jridu jaghmlu din il-kawza; u x'rapprezentanza ghandhom il-mandatarji ta' uhud mill-atturi u l-konvenuti.

Fil-mertu t-talba tal-atturi hija infondata fid-dritt ghaliex it-testatrici ma ghamlet xejn li ma setghetx taghmel legalment u dak li ghamlet fit-testment sar bil-konoxenza tal-istess atturi. It-talba hija wkoll infondata fil-fatt ghaliex kif jirizulta waqt is-smiegh tal-kawza t-testatici ftit li xejn kellha affarijiet li jappartjenu lilha fil-hanut in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Victor Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-attrici Polly Demanuele.

Rat l-affidavit tal-attrici Antoinette Sammut.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Mhallef Suplenti Dr. Sanda Sladden fejn instema bhala xhud in-Nutar Dr. Maurice Gamibin prodott mill-atturi.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta fatt**

Fic-citazzjoni taghhom, l-atturi jippremettu li bit-testment ta’ Carmela armla ta’ Joseph Grech datat 5 ta’ Jannar 1999 (a fol 5-6) fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, l-imsemmija testatrici halliet bi prelegat lil wieħed mill-konvenuti, cioe’ Victor Grech, il-licenzji, l-attrezzi, l-istock, id-dritt tal-avvjament u d-dritt tal-inwilinat tal-hanut “Scruples”, numru 34, Main Street, San Giljan. L-imsemmija testatrici hi l-omm u n-nanna tal-partijiet.

L-atturi qed jitolbu li l-imsemmi prelegat jigi dikjarat li hu null u bla effett in kwantu l-imsemmija testatrici ma setghatx tiddisponi mill-imsemmi hanut stante li l-istess hanut ma kienx jappartjeni lilha fl-intier tieghu peress li l-istess kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn it-testatrici u zewgha. L-atturi qed jtolbu lil-imsemmi prelegat jigi dikjarat null ukoll fuq il-bazi li legatarju ta’ hanut ma jaqax taħt it-tifsira ta’ kerrej skond l-artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta
u kwindi l-pre-legat hu null.

Il-Qorti tinnota li l-konvenut Victor Grech wahdu ppesenta nota ta’ eccezzjoni. L-imsemmi konvenut qed jeccepixxi preliminarjament li ghandu jigi verifikat u determinat min mill-atturi u l-konvenuti jridu jaghmlu din il-kawza u x’rapprezentanza ghandhom il-mandatarji ta’ uhud mill-atturi u l-konvenuti. Fil-mertu l-konvenut eccepixxa li l-imsemmija testatrici ma ghamlet xejn kontra l-ligi u dak li ghamlet l-istess testatrici fit-testment in kwestjoni sar bil-konoxxenza tal-istess atturi. Inoltre it-testatrici ftit li xejn kellha affarijiet li jappartjenu lilha fil-hanut in kwistjoni.

Jirriżulta mill-provi illi missier l-atturi, Giuseppe Grech, kien akkwista b’titolu ta’ lokazzjoni minghand terzi l-hanut in kwestjoni cioe’ “Scruples” Balluta Buildings, f’Main Street, San Giljan versu l-kera ta’ Lm30 fis-sena. L-imsemmi Giuseppe Grech miet fil-21 ta’ Awissu tas-sena 1966 ab intestato. Kwindi, l-eredi ab intestato tieghu kienu t-tmien uliedu.

A fol.9 u a fol.10 ġew eżebiti d-denunzji tal-imsemmi Giuseppe Grech u f’dan ir-rigward id-denunzja li jggib in-

numru 2779/66 (fol.9) telenka bhala l-gid tad-decujus u bhala appertenenti lil-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn id-decujus Giuseppe Grech u martu Carmela il-"Fixtures & Fittings, goodwill of 'Balluta Bar', Balluta Buildings, stock existing in said shop…."

Jirrizulta li fil-hin tal-mewt tal-imsemmi Giuseppe Grech l-aħwa Joseph u Alfons Grech bdew jiġestixxu l-imsemmi ħanut mertu tal-kawża. Sussegwentament beda jmexxi l-ħanut Carmelo Grech, li, bi qbil ma' ħutu u ommu, kien izomm ghalih il-qliegh kollu mill-hanut. L-aħwa kienu ftehmu ukoll illi jekk l-istess Carmelo jieqaf jopera l-hanut, dan jerga' jaqa' lura f'idejn l-ahwa kollha. Carmelo Grech miet u minhabba dan il-fatt il-partijiet ftehmu illi l-konvenut Victor Grech kellu jaghmel tentativi biex jwelli l-ħanut, iżda in effett l-imsemmi konvenut Victor Grech beda jiġġestixxi l-ħanut. L-atturi, f'dan ir-rigward, isostnu li l-konvenut ma ghadx ghall-ftehim li kien sar bejnu u bejn hutu li kellu jiftaħ il-hanut ghal ftit sigħat kuljum.

Meta l-atturi ikkonfrontaw lill-konvenut Victor Grech dwar il-fatt illi huwa kien qiegħed jiġestixxi il-ħanut u mhux kif ftehmu li l-ħanut kellu jinfetaħ għal ftit ħin kuljum sempliċiment biex is-sid ma jieħux lura l-ħanut, l-msemmi konvenut ipproducilhom kopja ta' ftehim li sar quddiem avukat fil-11 ta' Mejju 1998 bejn l-omm Carmela Grech u ħuhom l-ieħor Alfons Grech, liema skrittura tinsab fil-proċess (fol.35). L-istess konvenut isostni inoltre, precisament fid-dikjarazzjoni tiegħu, li ommu ħallietlu dan il-ħanut bi prelagat ghaliex huwa kien l-uniku wiehed li dejjem ħadem fil-hanut meta hutu riedu li jaghlquh, u għaliex huwa dejjem ha hsieb ommu. In effett jirrizulta li l-liċenzja baqgħat dejjem f'isem l-omm u dan kif stqarr il-konvenut stess fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u kif ukoll xehdu l-atturi Polly Darmanin (fol.28) u Antoinette Sammut (fol.45).

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

Fl-ewwel eċċezzjoni tieghu l-konvenut Victor Grech jeċpixxi illi jrid jigi verifikat u determinat min mill-atturi u l-konvenuti jridu jaghmlu din il-kawza u x'rapprezentanza

ghandhom il-mandatarji ta’ uhud mill-atturi u l-konvenuti. In effett semmai l-verifika ta’ min ried li ssir din il-kawza ghandha ssir biss fil-konfront tal-atturi u mhux tal-konvenuti ukoll. Inoltre l-Qorti tal-Appell Civili fis-sentenza fil-kawza bl-ismijiet “Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta’ Carmelo Borg” tad-9 ta’ Marzu 1994 irriteniet li biex jiġi impunjat legat mhux meħtieġ li azzjoni issir mill-eredi kollha u hu bizzejjed li ssir minn wiehed biss mill-eredi. Tenut kont ta’ dan kollu l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut ma tista qatt tigi akkolta.

Dwar din l-eccezzjoni l-konvenut, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jsostni li għandu jigi ppruvat li l-konvenut Anthony Micallef huwa legalment u fattwalment il-prokuratur jew il-mandatarju ta’ diversi persuni li jidhru li huma imsiefrin. Il-konvenut jgħid ukoll illi Josette Alexander Grech bint il-mejjet Joseph Grech li ilha hafna imsiefra mhux parti f’dawn il-proceduri u jista ghandha interess f’din il-kawza. Il-konvenut jsostni ukoll li għandu jigi ppruvat li Carmen Cachia hija mandatarja ta’ Joseph Grech, u kemm verament Joseph Grech ried jistitwixxi din il-kawza. Finalment il-konvenut isostni li Nadette u Mario ahwa Coppola mhux minnu li taw il-kunsens taghhom biex issir din il-kawza. I

Dwat dawn is-sottomissjonijiet il-konvenut naqas milli jipproduci xi prova u kwindi anke ghal din ir-ragunji dawn l-eccezzjonijiet jisthoqqilhom li jigu michuda.

Fil-mertu, il-konvenut jeċepixxi li t-testatrici Carmela Grech ma ghamlet xejn li ma setghetx taghmel skond il-ligi u dak li ghamlet fit-testment sar bil-konoxxenza tal-istess atturi. Jissottometti ukoll f’din l-eċċezzjoni illi t-testatrici ftit li xejn kellha affarijiet li jappartjenu lilha fil-hanut in kwistjoni. Jidher li l-konvenut Victor Grech qed jippretendi li l-hanut u n-negozju huma tieghu wahdu billi fit-testment ommu hallietlu b’titolu ta’ prelegat il-licenzji, l-attrezzi, l-istock, id-dritt tal-avvjament u d-dritt tal-inwilinat tal-hanut mertu tal-kawża odjerna.

Minn naha l-ohra l-atturi jsostnu li l-imsemmi prelegat imħolli bit-testment ta’ ommhom tal-5 ta’ Jannar 1999 fl-

atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha hu null u bla effett in kwantu l-imsemmija Carmela Grech ma setghetx thalli legat bhal dan galadarba dak kollu li kien hemm fil-fond, kompriz l-avvjament, ma kienx jappartjeni lilha fl-intier in kwantu dawn l-assi kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn l-omm Carmela u l-missier Giuseppe. In effett ma tirrizulta ebda dikjarazzjoni fis-sens li t-testatrici kienet taf li qed taghmel lexxitu ta’ hwejjeg haddiehor cioe’ “di cosa altrui.”

Kuntrarjament għal dak li jgħid il-konvenut, in-negozju, l-avvjament u l-attrezzi tal-hanut mertu ta’ din il-kawża u ċioe “Scruples”. 34, Balluta Buildings, Main Street, San Giljan jirrizulta li dawn kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif jirrizulta mill-imsemmija denunzja (fol.9). Kwindi hawnhekk si tratta minn legat “di cosa altrui” Dan it-tip ta’legat hu regolat mill-artikolu 698 tal-Kodici Civili li testwalment jiprovdi li “jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b’legat jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kinitx tieghu kollha.” Jista ghalhekk jinghad li din il-kawza appuntu titratta dwar dan l-artikolu li jipprovdi li l-legat tal-ħaġa ta’ ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta’ ħaddieħor u mhux tiegħu.

Dan ifisser li, una volta t-testatriċi għandha biss parti mill-ħanut li tħalla fi prelegat, tali prelagat huwa validu biss kemm-il darba fit-testment it-testatriċi tkun speċifikat illi hija kienet taf li l-ħanut kien jappartjeni lil żewġha ukoll. Hu evidenti li l-imsemmija dikjarazzjoni li trid il-liġi ma saritx u ghalhekk il-legat kwantu ghall-intier tieghu mhux validu pero’ jibqa validu ghal dik il-parti li kienet tappartjeni lit-testatrici. Fil-kawza fl-ismijiet “Paolo Zammit vs Rosa Zammit” (28 ta Gunju 1957) il-Qorti tal-Appell Ċivili elenkat il-prinċipji dottrinali li huma l-bażi tal-artikolu in kwestjoni. F’din is-sentenza ntqal li “skond il-liġi tagħna, hija kondizzjoni essenzjali għall-validita tal-legat ta’ ħaġa ta’ ħaddieħor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-ħaġa lil ħaddieħor.

“Mhux rikjesta ebda klawsola jew formola speċjali u hu ukoll indifferenti jekk it-testatur jieħu żball fl-identità tal-proprjetarju; pero huwa meħtieġ li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni.” Inoltre l-Qorti tal-Appell Ċivili, fis-sentenza fill-kawża fl-ismijiet “Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta’ Carmelo Borg” tad-9 ta’ Maru 1994, irriteniet li in vista tal-artikolu 698, il-legat ta' haga ta' haddiehor ma jiswiex hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. Il-Qorti irreteniet ukoll illi meta l-oggett tal-legat kien biss in parti proprjeta' ta' terzi, bħalma huwa l-każ odjern, il-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta' tat-testatur.

Ghalhekk il-legat imholli lill-konvenut Victor Grech minn ommu Carmela Grech, ma huwiex validu fl-intier tieghu in kwantu n-nofs ta’ dak li thalla bl-istess prelegat ma kienx jappartjeni lit-testatriċi, li kienet proprjetarja biss tan-nofs indiviz tal-propjeta’ kollha li thalliet permezz tal-prelegat in kwestjoni. Kwindi ghar-ragunijiet moghtija il-prelegat mhux valdu fl-intier teghu pero’ hu validu kwantu ghan-nofs indiviz u konsegwentement l-eredi kollha ta’ Giuseppe Grech huma l-propjetarji tan-nofs indiviz tan-negozju gestit fil-hanut mentri l-konvenut hu proprjetarju wahdu tan-nofs indiviz rimanenti.

Ghalhekk it-talba tal-atturi fis-sens li l-prelegat in kwestjoni jigi dikjarat null u bla effett tisthoqq li tigi akkolta pero’ mhux fl-intier izda kwantu n-nofs indiviz tal-propjeta’ li thalliet bil-prelegat, liema nofs umdiviz kien effettivament jappartjeni lit-testatrici. Kwindi l-istess prelegat hu validu kwantu ghan-nofs indiviz tieghu. In vista tal-fatt li l-missier Giuseppe Grech jirizulta li miet intestat kwindi l-eredi kollha tieghu, inkluz il-konvenut, huma l-propjetarji tan-negozju in kwestjoni kwantu ghan-nofs indiviz u dan f’partijiet indivizi.

Inoltre mhux rilevanti jekk l-atturi kienu jafu jew le li t-testatrici kienet qed taghmel il-laxxitu in kwestjoni lill-konvenut u lanqas ma hu rilevanti jekk it-testatrici kelliex xi oggetti taghha fil-hanut in kwestjoni. Bil-ligi in-nofs ta

dak kollu li kien hemm fil-hanut kien tat-testatrici mentri n-nofs l-iehor kien ta’ zewgha. Hu ovvju li dan jghodd ukoll ghall-avvjament tal-hanut.

Il-prelegat imholli lill-konvenut Victor Grech, skond it-testment ta’ Carmela Grech tal-5 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Joseph Henry Saydon, huwa null u bla effett fil-ligi pero’ dan kwantu ghan-nofs indiviz li ma kienx jappartjeni lit-testatrici. Hu pero’ validu kwantu ghas-sehem li kien jappartjeni lit-testatrici minhabba l-komunjoni gia’ esistenti bejnha u zewgha. Kwindi l-propjeta’ mhollija bil-prelegat in kwestjoni illum tappartjeni kwantu ghan-nofs indiviz lill-konvenut, filwaqt li n-nofs indiviz rimanenti jappartjeni lill-erdi kollha ta Giuseppe Grech u cioe’ uliedu kollha, inkluz il-konvenut, f’partijiet indivizi bejnithom.

L-atturi ghandhom jirrikonoxxu l-prelegat favur il-konvenut Victor Grech. Kif gia rilevat il-konvenut hu ukoll ko-eredi ma’ ħutu fir-rigward tas-sehem ta’ missieru Giuseppe Grech, fl-inkwilinat tal-ħanut mertu tal-kawża. Jiġifieri, il-konvenut Victor Grech igawdi nofs indiviż tal-propjeta’ mhollija bil-prelegat (is-sehem li ġie għandu mingħand ommu) u għandu ukoll parti min-nofs indiviż l-ieħor flimkien mas-seba’ ħutu l-oħra (is-sehem li ġie għandu mingħand missieru). Kwindi fir-rigward tal-ewwel talba tal-atturi, l-prelegat imholli lill-konvenut minn ommu ghandu jitqies li hu validu kwantu ghan-nofs indiviż u li hu null u bla effett fil-ligi fir-rigward tar-rimanenti nofs indiviz illi ma kienx jappartjeni lill-Carmela Grech u kien jappartjeni lil zewgha Emanuele Grech.

Fir-rigward tal-parti tat-talba tal-atturi fejn dawn jitolbu dikjarazzjoni illi l-prelegat tal-inkwilinat tal-hanut hu inefikaci u guridikament insostenibbli sabiex tigi perpetwata l-kirja in kwestjoni f’isem il-konvenut, stante li legatarju ta’ hanut ma jirrientrax fit-tifsira ta’ kerrej ta’ hanut skond il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet, il-Qorti hi tal-fehma, li skond kif gie ritenut mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-6 ta’ Ottubru 1961, fil-kawza fl-ismijiet “Reverendu Monsinjur Lorenzo Spiteri vs Emanuele Buhagiar et” il-legat tal-inkwilinat hu validu u l-legatarju jissubentra fl-istess drittijiet ta' lokazzjoni li kellu

l-awtur tieghu cioe' ghaz-zmien li jkun fadal. Id-dritt ghar-rilokazzjoni, cjoe' wara li jiskadi z-zmien tal-lokazzjoni korrenti hu regolat mill-ligi specjali tal-kera; u taht din il-ligi specjali, il-legatarju mhux intitolat ghar-rilokazzjoni, ghax hu ma jidholx fid-definizzjoni li l-ligi specjali tal-kera taghti tal-kelma "kerrej." Fl-opinjoni tal-Qorti f'dan il-kaz semai jispetta li-sidien tal-ħanut li jiddeċiedu jekk iħallux li r-rilokazzjoni topera jew le. Non sta ghall-atturi li jghamlu tali decizjonijiet. Kwindi din it-talba tal-atturi timmerita li tigi rigettata.

Kwindi ma tistax tigi akkolta it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma jistax jissokta fil-pussess u l-inwilinat tal-hanut. Id-dritt tal-inkwilant tal-hanut mertu tal-kawża odjerna, l-licenzji kummercjali, l-attrezzi, l-istock u l-avvjament ta' l-istess hanut, jappartjenu lill-atturi u lill-konvenuti ahwa Grech kollha, inkluż il-konvenut Victor Grech li ghandu n-nofs indiviz oltre s-sehem spettanti lilu mill-wirt ta missieru. Kwindi l-konvenut ghandu kull dritt li jibqa jokkupa l-hanut sakhemm ma jigix mkecci mit-terzi sidien tal-hanut jew sakhemm ma jkunx hemm xi ftehim mal-ko-possessuri l-ohra kollha.

In vista ta' dak kollu premess l-ewwel talba tal-atturi ma tistax tigi akkolta stante li l-prelegat in kwestjoni ma jistax jigi dikjarat li hu null u bla effett fil-ligi peress li hu validu fir-rigward tal-konvenut kwantu ghan-nofs indiviz tal-propjeta' mhollija bl-istess prelegat. Fir-rigward tat-tieni talba ukoll ma jistax jigi dikjarat li l-istess prelegat hu ineffikaci u guridikament insostenibbli u kwindi lanqas ma jista jigi dikjarat li l-konvenut Victor Grech m'ghandux dritt li jissokta fil-pussess u l-inkwilinat tal-propjeta' mertu tal-prelegat. Konsegwentement lanqas ma ghandu jigi ordnat lill-konvenut Victor Grech biex jizgombra mill-fond de quo. Ghalhekk it-tabiet kollha attrici ma jimmeritawx li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Spejjez kolha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------